**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZ**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning**
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2012**

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami għall-Istudenti Neqsin mis-Smigħ

**Ir-Riżorsi:**
1. It-test li jinqara.
2. Il-karta tal-mistoqsijiet.
3. Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1** | ▪ Se tinqralhom l-istorja ***Memorji ta' Tfuliti***. | **3 minuti** |
| **2** | ▪ Se jinqrawlhom il-mistoqsijiet mogħtija għal darba biss. | **3 minuti** |
| **3** | ▪ Se tinqralhom l-istorja għat-tieni darba. | **3 minuti** |
| **4** | ▪ Se tinqralhom l-ewwel parti tal-istorja għal darbtejn. | **3 minuti** |
| **5** | ▪ Għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet **1-6**. | **3 minuti** |
| **6** | ▪ Se tinqralhom it-tieni parti tal-istorja għal darbtejn. | **3 minuti** |
| **7** | ▪ Għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet **7-12**. | **3 minuti** |
| **8** | ▪ Se tinqralhom l-istorja għat-tielet darba waqt li jistgħu jwieġbu l-mistoqsijiet **13-17**. | **4 minuti** |
| **9** | ▪ Jistgħu jiċċekkjaw it-tweġibiet kollha u jkunu ċerti li mmarkaw waħda biss. | **5 minuti** |

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZ**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning**
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2012**

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

**Il-Karta tal-Għalliema**

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

**Ir-Riżorsi:**
1. It-test li jinqara.
2. Il-karta tal-mistoqsijiet.
3. Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1** | ▪ Se tinqralhom l-istorja ***Memorji ta' Tfuliti***. | **3 minuti** |
| **2** | ▪ Se jinqrawlhom il-mistoqsijiet kollha mogħtija għal darba biss. | **3 minuti** |
| **3** | ▪ Se tinqralhom l-istorja għat-tieni darba. | **3 minuti** |
| **4** | ▪ Se tinqralhom l-ewwel parti tal-istorja għal darbtejn. | **3 minuti** |
| **5** | ▪ Għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet **1-6**. | **3 minuti** |
| **6** | ▪ Se tinqralhom it-tieni parti tal-istorja għal darbtejn. | **3 minuti** |
| **7** | ▪ Għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet **7-12**. | **3 minuti** |
| **8** | ▪ Se tinqralhom l-istorja għat-tielet darba waqt li jistgħu jwieġbu l-mistoqsijiet **13-17**. | **4 minuti** |
| **9** | ▪ Jistgħu jiċċekkjaw it-tweġibiet kollha u jkunu ċerti li mmarkaw waħda biss. | **5 minuti** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Memorji ta' Tfuliti

## *L-Ewwel Parti*

1. Illum nagħlaq sebgħin sena. Meta wieħed jibda jikber spiss jibdew jiġuh għadd ta' memorji mill-passat.

2. Dan l-aħħar ftakart f'meta kien għad kelli xi erba' snin u n-nannu Vitu kien jgħabbini fuq quddiem tar-rota xi s-sitta ta' filgħodu u nerħulha lejn l-għalqa.

3. Konna naqdfu mill-Mosta sal-Imġarr.

4. Għadni niftakar kif sa ma naslu jdejja ċkejknin lanqas biss kont nibqa' nħosshom bil-kesħa.

5. Kien jgħidli "Żomm sew!" u jien kont niggranfa bil-qawwa mal-ħadid tal-maqbad tar-rota, tant li f'dawk l-għodwiet xitwin, idejja kienu jeħlu miegħu u kien ikollu jaqlagħhomli n-nannu.

## *It-Tieni Parti*

1. Għodwa minnhom, malli qbiżna l-Kappella ta' San Silvestru, skiddjajna bir-rota.

2. Tgħidlix fuq xiex żlaqna, jekk hux fuq xi qoxra ta' banana, jew għax l-art kienet tiżloq bin-nida.

3. Jiena tirt minn fuq ir-rota u miegħi qlibt waħda mara li kienet sejra l-quddies. Tgħidx x'qatgħa tajtha miskina!

4. In-nannu Vitu rajtu jagħmel kutrumbajsa fl-arja u jinżel dritt fuq iż-żrar, għax meta kont żgħir jien it-toroq ma kellhomx tarmak.

5. Bil-waqgħa jien ma ġrali xejn, imma n-nannu nbarax kollu.

6. L-agħar li marret ir-rota, għax tgħawġet fi tnejn u minflok ma ġarritna hi, kellu jġorrha n-nannu u morna lura d-dar bil-mixi.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZ[...]
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2012

| Ir-Raba' Sena | Il-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Istudenti

L-isem u l-kunjom: ______________________________

Il-klassi: ______________________________

| | Is-Smigħ |
|---|---|
| Il-marka tat-taqsima | 20 marka |
| Il-marka tal-istudent/a | |

**Taqlibx din il-paġna qabel ma jgħidulek l-għalliema.**

**In-numri mmarkati bi stilla * fihom 2 marki.**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Memorji ta’ Tfuliti

**Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba**

## L-Ewwel Parti

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | L-awtur illum huwa | | żagħżugħ. |
| | | | raġel xiħ. |
| | | | tifel tal-iskola. |
| | | | abbati. |
| | | | |
| **2.** | In-nannu Vitu kien jgħaddi għall-awtur | | filgħodu kmieni. |
| | | | tard billejl. |
| | | | waranofsinhar. |
| | | | f’inżul ix-xemx. |
| | | | |
| **3.** | In-nannu kien isuq | | trakk. |
| | | | karozza. |
| | | | mutur. |
| | | | rota. |
| | | | |
| **4.** | In-nannu kien jieħu lill-awtur | | sal-Belt. |
| | | | jisma’ l-quddiesa. |
| | | | l-għalqa. |
| | | | sal-baħar. |
| | | | |
| **5.** | L-għalqa kienet tinsab | | il-Mosta. |
| | | | il-Ħamrun. |
| | | | l-Imġarr. |
| | | | il-Birgu. |
| | | | |
| **6. *** | Meta kien jirkeb man-nannu, l-awtur kien | | iħoss ħafna sħana. |
| | | | jiggranfa mal-ħadid tar-rota. |
| | | | iżomm idejn in-nannu. |
| | | | jaqdef kemm jiflaħ. |
| | | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## It-Tieni Parti

| | | | |
|---|---|---|---|
| **7.** | X'ġara lill-awtur u lil nannuh għodwa minnhom? | | Żelqu bir-rota. |
| | | | Ħabtu ma' karozza. |
| | | | Marrulhom il-brejkijiet. |
| | | | Qabdithom ix-xita. |
| | | | |
| **8.** | Meta waqa', l-awtur ġie fuq | | qoxra ta' banana. |
| | | | iż-żrar. |
| | | | mara xiħa. |
| | | | il-bankina. |
| | | | |
| **9.** | Min ħa qatgħa kbira? | | L-awtur. |
| | | | In-nannu Vitu. |
| | | | Il-qassis. |
| | | | Il-mara x-xiħa. |
| | | | |
| **10.** | Meta waqa', in-nannu Vitu | | ħabat rasu. |
| | | | għamel tbenġila kbira. |
| | | | inbarax kollu. |
| | | | ma ġralu xejn. |
| | | | |
| **11. *** | "tirt minn fuq ir-rota" tfisser | | inżilt bil-mod minn fuq ir-rota. |
| | | | waqajt minn fuq ir-rota. |
| | | | ħassejtni ferħan se ntir. |
| | | | soqt ir-rota b'veloċità qawwija. |
| | | | |
| **12. *** | Wara l-waqgħa, l-awtur u nannuh | | telqu lejn l-għalqa. |
| | | | kellhom jimxuha lura d-dar. |
| | | | reġgħu rikbu r-rota. |
| | | | marru l-isptar. |
| | | | |

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Fuq l-istorja kollha.**

**Agħżel it-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħt il-kelma t-tajba.**

**13**. In-nannu tal-awtur kien jismu ( Vitu *jew* Silvestru ).

**14**. Meta kien ikun fuq ir-rota l-awtur kien iħoss ( kesħa *jew* sħana ) kbira.

**15**. Kutrumbajsa tfisser ( tinqaleb ta' taħt fuq *jew* titlaq tiġri ).

**16**. F'dan l-inċident l-aktar ħsara ġrat ( lin-nannu *jew* lir-rota ).

**17**. Wara l-inċident, in-nannu kellu jġorr ( ir-rota *jew* lill-awtur ).

**Tmiem il-Karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning**
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2012**

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom: ____________________________ Il-klassi: ______________**

| | Il-Qari u l-Kitba |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |

## Għall-istudent/a:

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek u kunjomok, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Aqra sewwa din l-istorja fuq

# Il-Qamar



Mario u Klara kienu mixħutin komdi fis-sit ta' wara tal-karozza. Il-ġenituri tagħhom kienu quddiem. Klara kważi raqdet meta ħasset lil Mario jċaqlaqha. Xħin ħarset lejh ratu b'sebgħu l-kbir imwaħħal mal-ħġieġa. "Ħares, Klara, ara xi ħwejjeġ dawn! Il-qamar qed jimxi magħna u kull fejn immorru bil-karozza jiġi hu wkoll!" qalilha ħuha ż-żgħir kollu skantat. *(par.1)*

Il-mamà nstemgħet tidħak u wara li kellmet ftit lill-papà, daret lejn it-tfal u qaltilhom, "Isa, tfal, min ser jgħidli xi ħaġa interessanti fuq il-qamar?" It-tfal inħasdu xi ftit u ma kinux jafu x'ser jgħidu. *(par.2)*

Il-papà waqqaf il-karozza fil-ġenb tat-triq u stedinhom jinżlu ftit. Meta ħarsu madwarhom raw ħafna dawl abjad ġej mill-qamar. "Ħarsu lejn il-qamar. Jidher tond u kbir. Dak ngħidulu qamar kwinta u l-aktar li jitfa' dawl," spjegat il-mamà. *(par.3)*

"Imma, papà," staqsa Mario kollu kurżità, "hemm nies jgħixu fuq il-qamar?" Qabel ma wieġbu, il-papà sab ġebla u poġġa ftit bilqiegħda fuqha. Hekk kif ġibed liż-żewġt itfal maġenbu beda jispjega, "Tfal, il-qamar hu post differenti ħafna mid-dinja tagħna. Fuq

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

il-qamar la hemm arja, la hemm temp u lanqas ħajja.  Matul il-jum ikun h[...] qawwija filwaqt li mal-lejl taqa' kesħa xxoqq il-għadam. Il-qamar huwa mimli [...] kbar.  Dawn saru minn ġebel kbir li ħabat bil-qawwa mal-qamar.  Il-ħofor jissejħu krateri."  *(par.4)*

It-tfal baqgħu jħarsu 'l fuq lejn il-qamar.  Ommhom qaltilhom, "Tafu li l-bniedem tela' fuq il-qamar sitt darbiet?  L-ewwel bniedem kien l-astronawta Amerikan Neil Armstrong li għamel mixja qasira fuq il-qamar fl-1969.  L-Amerikani taw lill-Maltin biċċa ġebla mill-qamar b'tifkira u din tinsab fil-Mużew tal-Istorja Naturali."  *(par.5)*

"Imma, mamà u papà," qalilhom Mario hekk kif reġgħu rikbu fil-karozza, "dawn l-affarijiet kollha kif tafuhom? Tiskantawni kemm intom bravi!"  Il-papà u l-mamà nfaqgħu jidħku u weġbuh, "Ilbieraħ rajna dokumentarju sabiħ fuq it-televixin dwar il-qamar u dak li tgħallimna aħna għallimnieh lilkom illum!" *(par.6)*



StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| Taqsima A : | Il-Qari | (3 [illegible]) |
|---|---|---|

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija lesta.**

**a. L-istorja li qrajt hija fuq**

☑ il-qamar.

☐ Malta.

☐ l-Amerikani.



**b. Mill-karozza Mario beda jara**

☐ n-nies jiġru warajhom.

☐ l-qamar miexi magħhom.

☐ s-siġar mexjin magħhom. (marka)

**ċ. Il-papà waqqaf il-karozza fil-ġenb għax**

☐ waqfitlu l-magna tal-karozza.

☐ kellu panċer u ried jibdel ir-rota.

☐ ried jgħallem lit-tfal fuq il-qamar. (marka)

**d. Skont ma qalet il-mamà,**

☐ l-astronawta Neil Armstrong kien l-ewwel bniedem li mexa fuq il-qamar.

☐ il-bnedmin telgħu fuq il-qamar seba' darbiet.

☐ il-Maltin telgħu fuq il-qamar u ġabu ġebla. (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**2. Poġġi dawn is-sentenzi fl-ordni ta' kif ġrat l-istorja. Agħtihom n… if għandhom jiġu wara xulxin. L-ewwel waħda hija lesta.** (4 m…

| | |
|---|---|
| Il-papà qagħad ikellem lit-tfal fuq il-qamar. | |
| Mario u Klara kienu bilqiegħda fis-sit ta' wara tal-karozza. | **1** |
| Mario skanta bil-qamar meta rah miexi magħhom. | |
| It-tfal tgħallmu affarijiet ġodda fuq il-qamar. | |
| Il-papà waqqaf il-karozza u kulħadd niżel biex jara l-qamar sewwa. | |

**3. Aqta' linja taħt il-kelma veru jew falz biex tagħżel jekk is-sentenza hijiex tajba jew ħażina. L-ewwel waħda hija lesta.** **(5 marki)**

a. It-tfal kienu rekbin fil-karozza mal-ġenituri tagħhom. <u>veru</u> / falz

b. Klara kienet rieqda fil-fond u ħuha qajjimha biex tara l-qamar. veru / falz

ċ. Il-qamar kwinta jitfa' ħafna dawl abjad billejl. veru / falz

d. Il-ħofor fuq il-qamar saru għax ġebel kbir ħabat bis-saħħa mal-qamar. veru / falz

e. Fuq il-qamar hemm ħafna fjuri u pjanti sbieħ. veru / falz

f. Il-ġenituri tat-tfal kienu jafu fuq il-qamar għax kienu għalliema tax-xjenza. veru / falz

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi billi tagħżel il-kelma t-tajba mill-kaxxa ta**

**Hemm kelma żejda li ma tridx tintuża. L-ewwel waħda hija lesta. (4 ma**

| **astronawta - il-lejl - ħajja - ~~differenti~~ - sħana - il-jum** |
|---|



Il-qamar huwa **<u>differenti</u>** mid-dinja. Huwa m'għandux arja, temp u lanqas ___________________. Matul ___________________ikun hemm kesħa xxoqq il-għadam filwaqt li matul il-ġurnata jkun hemm ___________________ kbira. L-Amerikani tellgħu l-ewwel ___________________ fuq il-qamar fl-1969.

**5. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet billi tfittex it-tweġiba fl-istorja.**

a. Kif ikun il-qamar meta ngħidu li jkun qamar kwinta? *(par. 3)*

_____________________________________________________________________ (2 marki)

b. Fisser din l-idjoma li tinsab fl-istorja: **"<u>kesħa xxoqq il-għadam</u>"** *(par. 4)*

_____________________________________________________________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



**6. Imla l-vojt skont x'jitolbok fil-kolonna tal-ġenb. L-eww**

**hija lesta. (10 m**

| | |
|---|---|
| a. **Dak** il-ktieb huwa sabiħ ħafna. | Ikteb il-maskil ta' 'dik' |
| b. Ommi xtrat ________________________pjanti biex issebbaħ id-dar. | Ikteb in-numru 2 fi kliem |
| ċ. Kull filgħaxija qabel norqod ngħid it-___________________ tiegħi. | Oħroġ nom minn 'talab' |
| d. John iħobb jagħmel ix-xogħol sewwa ________________missieru. | bħal *jew* bħall- |
| e. Fit-tellieqa ħadu sehem _____________________atleta. | Ikteb in-numru 100 fi kliem |
| f. Qomna kmieni filgħodu u rajna ________________xemx tielgħa. | Poġġi l-artiklu quddiem 'xemx' |
| ġ. Fil-festa li għaddiet is-sagristan tilef ________________ċwievet tal-knisja. | Il-kelma li nużaw biex infissru grupp ta' ċwievet |
| g. Missier Petra għandu librerija b'ħafna kotba ___________________. | Il-kontra ta' 'rqaq' |
| għ. Sandro ____________dawra twila bil-klieb tiegħu. | ħareċ *jew* ħareġ |
| h. Aħna __________________għall-iskola fit-tmienja ta' filgħodu. | Ikteb l-Imperfett / il-Preżent ta' 'telaq' |
| ħ. In-nannu xtara ____________________ mingħand Ġanni ta' ħdejna. | Il-maskil ta' 'debba' |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| **Taqsima B:** | **Il-Kitba** | **(5 )** |
|---|---|---|



**1. Il-Kunsill Lokali fetaħ klabb ġdid li int tixtieq tissieħeb fih. Imla l-FORMOLA ta' sħubija t'hawn taħt biex tidħol membru.** **(5 marki)**

| | |
|---|---|
| **Isem u Kunjom** | |
| **Data tat-twelid** | |
| **Età** | |
| **Raħal jew belt** | |
| **Skola fejn tattendi** | |
| **Klassi** | |
| **Ġurnata meta tista' tattendi** | |
| **Qatt kont fi klabb ieħor? (Immarka ✓ fil-kaxxa )** | **Iva ☐** **Le ☐** |
| **Passatemp favorit** | |



**2. Ikteb MESSAĠĠ lil sħabek tal-klassi sabiex tirringrazzjahom tal-għajnuna li tawk meta waqajt fil-bitħa tal-iskola u weġġajt sieqek.** **(5 marki)**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3. Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb paragrafu ta' mhux**

**minn GĦAXAR SENTENZI fuq WIEĦED minn dawn it-titli.** (20 m

**A. Immaġina li inti bank tal-injam fi ġnien pubbliku.**

*F'liema ġnien tinsab? Lil min tara għaddej? Min joqgħod fuqek? Tiftakar xi ġrajja speċjali?*

**B. Il-vaganzi tas-sajf.**

*Tistenna b'ħerqa dan iż-żmien? Għaliex? X'tagħmel fihom is-soltu? Ma' min tqatta' dan iż-żmien?*

**Ċ. Dik ħolma!**

*Meta kienet? X'ġara? Kif spiċċat? X'ġara kif qomt?*

**D. Ħares lejn l-istampa fil-ġenb u ikteb storja biex tirrakkonta x'ġara waqt din il-mixja.**

*Min mar jimxi? Ma' min iltaqgħu fit-triq? X'ġara wara?*

*Kif taħseb li spiċċat din l-istorja?*



**Uża dan l-ispazju biex tagħmel pjan għall-kitba tiegħek (bla marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TITLU: ________** **(Ikteb ittra A, B, Ċ jew D)**

**Tmiem il-Karta**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers